**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Elliot Magro)**

**Vs**

**Johann Cuschieri**

**Illum it-3 ta' Gunju 2022**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' **Johann Cuschieri** iben Guido u Josephine nee' Bongailas ,imwieled nhar l-4 ta' Settembru 1980 il-Pieta u detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 413580M, akkuzat talli fis-26 ta' Ottubru 2021 ghall-habta ta' 09:15hrs gewwa Hal Qormi, limiti tal-Handaq, kif ukoll f'dawn il-gzejjer Maltin,

1. Ikkajccja jew ipprova jikkaccja, ha jew ipprova jiehu xi ghasafar li huma protetti taht dawn ir-regolamenti jekk mhux skont ir-regolamenti u skont il-kundizzjonijiet ta' kull licenzja li tinghata tahtha bi ksur tar-Regolament 4(1)(a) ta' L.S. 549.42;
2. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kien fil-pussess jew kellu fil-kontroll tieghu jew zamm kampjuni ta' ghasafar, kemm hajjin u kemm mejtin jew parti li tista' tingharaf jew derivattivi taghhom cioe' ghasafar li mhux inkluzi fl-iskeda 11 jew fl-iskeda 111 u meta dawn l-ghasafar ma kinux gew iddikjarati u registrati ma' l-Awtorita' Kompetenti sal-31 ta' Mejju 2003 u minghajr ma kien fil-pussess tal-permessi jew certifikati ta' registrazzjoni mahruga mill-Awtorita' kompetenti ghaz-zamm ta' dawk l-ghasafar skont id-disposizzjonijiet tar-Regolament 21 jew ikunu gew impurtati legalment skont id-disposizzjonijiet tar-Regolament 6(1)(a) jew

gew mehuda jew akkwistati legalment fi stat Membru jew imrobbija fil-maghluq u dan bi ksur ta' Regolament 4(1) ta' l-A.I. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat l.s. 549.42.

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ma zammx fil-pussess tieghu u ghaz-zmien kollu li ezemplari li l-importazzjoni taghhom taqa' taht ir-Regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerc fi Speci ta Fawna u Flora, kienu fil-pussess tieghu, kull permess, certifikat u licenzja li kellhom x'jaqsmu ma' l-importazzjoni ta' dawk l-ezemplari u dan bi ksur ta' regolament 7 tar-regolamenti dwar il-Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora (L.S. 549.38)
4. Fl-istess, data, hin, lok u cirkostanzi xtara, offra biex jixtri, akkwista ghal skop kummercjali u xi xi ezemplari bi ksur ta' l-Artikolu 8 tar-regolamenti Principali bi ksur ta' regolament 8(1)(J) Tar-Regolamenti dwar il-Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora (L.S. 549.38)
5. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas milli jzomm fil-pussess tieghu xi permess, cerrifikat jew licenzja skont id-disposizzjonijiet tar-regolament 7 tar-regolamenti tal-2004 dwar il-Kummerc fi Speci ta' Fawna u Flora u dan bi ksur ta' regolament 8(1) (p) tal-istess regolament (L.S. 549.38).
6. Fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kien qieghed jaghmel uzu minn xbieki u dan bi ksur tar-regolament 7 ta' l-istess regolament L.S. 549.38)

+Il-Qorti f'kaz ta' htija giet mitluba illi barra li taghti l-piena taht ir-regolament 27 ta' l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat, tordna l-konfiska tal-oggetti u s-sospensjoni ta' kull licenzja jew permess mahruga taht ir-regolamenti ta' l-2006 dwar il-Konservazzjoni ta' l-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Malta ghall-perjodu applikabbli that l-A.L. 79 ta' l-2006 hekk kif emendat LS 549.42 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti processwali,

Semghet lix-xhieda,

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet,

**Ikkunsidrat;**

Fatti fil-qosor:

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fis-26 t'Ottubru 2021 il-pulizija kienu qed jaghmlu spezzjonijiet in konnessjoni ma kacca u nsib illegali fil-limiti tal-Handaq gewwa Hal-Qormi. Nnotaw zewgt imnasab armati ghall-insib tal-ghasafar li madanakollu ma kienx jidher li hemm persuni maghhom. Il-pulizija

nnotaw li gewwa id-dura kien hemm zewg sparrowhawks filwaqt li go guva taht harruba fl-istess ghalqa kien hemm tlett common kestlers. Fl-ghalqa huma sabu persuna ta' sess femminili u wara li ssaqsewha minn kien responsabbli mill-ghalqa gie mghajjat fuq il-post il-qua imputat Johann Cuschieri. Minn verifiki li saru mal-Wild Bird Regulations Unit irrizulta li s-sit in kwistjoni ma kienx irregistrat mal-istess Awtorita'. Malli wasal fuq il-post il-qua imputat huwa gie mghoddi mmedjatament id-drittijiet tieghu inkluz id-dritt tal-assistenza legali. Sussegwentament Cuschieri kkonferma mal-pulizija li l-imnasab kienu tieghu kif ukoll l-ispeci tal-ghasafar (l-ispeci hawn fuq imsemmija kif ukoll numru ta' ghasafar tal-ghana) li nstabu fl-ghalqa. Ikkonferma ukoll li l-isparrow hawks kienu tieghu u li kienu inqabbdu mis-selvagg minnu stess. Jirrizulta ukoll li l-pulizija talbu ghall-assistenza tal-ufficjali tal-Environment Resources Authority (ERA) fjen marru fuq il-post Stanley Gatt u Maria Attard. Is-Sur Stanley Gatt ikkonferma li kif wasal fuq il-post assigura li l-qua imputat kien inghata d-drittijiet tieghu u fil-fatt dwar dan huwa jghid ukoll li kien adirittura kkonferma dan mal-imputat stess di persona fejn l-imputat kien wiegeb fl-affermattiv. Jispjega li fuq il-post huwa sab tajra tal-priza kif ukoll numru ta' ghasafar tal-ghana, zewgt sparrowhawks (spalvieri), tlett common kestrel (spanjuletti) u Harris Hawk[1]. Dawn l-ispeci ttiehdu fil-kura tal-*vetcare*, wara ghand il-Birdlife u sussegwentament ghand ir-*Rex Malta Falconers.* Wiehed mill-sparrowhawks kien kopert b'certifikat mahrug mill-MEPA (precedessur tal-ERA) skond il-ligi. Alice Tribe in rapprezentanza tal-Birdlife Malta kkonfermat li huma kienu intalbu mill-Vetcare sabiex jirriabilitaw numru ta' ghasafar – tlett common Kestrels u sparrawhawk. L-isparrowhawk ghadu fil-pussess taghhom filwaqt li l-common Kestrels ghaddew ghand Jean Carl Grech. Il-President ta' Rex Malta Falconers, Jean Carl Grech, ikkonferma li huma qed izommu l-common kestrels u dana wara li haduhom minghand il-Birdlife (minn gewwa l-Ghadira). Xehdet ukoll Dr. E Kovaks in rapprezentanza tal-Vetcare Animal Clinic gewwa San Gwann li kkonfermat li kienu gabulhom numru ta' 'raptors' u numru ta' ghasafar tal-ghana. Ikkonfermat li ghal dak li jirrigwarda l-ghasafar tal-ghana kien hemm numru minnhom li kellhom curkett skond il-ligi u ghaldaqstant dawn gew irritornati lis-sid u cioe' lill-qua imputat. Dawk li ma kellhomx curkett jew inkella kellhom curkett mhux skond il-ligi kienu gew irrillaxxati fis-selvagg. Hija xehdet ukoll dwar il-kundizzjoni medika tar-raptors li kkonfermat li kienu tlett common kestrels u 1 sparrowhawks. Rapprezentant tal-Wild Birds Regulation Unit min-naha tieghu kkonferma li l-qua imputat ma kellux licenzja generali ghal-insib. Jikkonferma li l-ispanjuletti u cioe' l-common kestrels huma protetti taht l-iskeda 9 filwaqt li l-ispalvieri u cioe' l-isparrowhawks huma protetti kemm taht skeda numru I u IX tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006.

[1] Ara Dok. SG.

Kunsiderazzjonijiet dwar htija:

Permezz tal-ewwel imputazzjoni Cuschieri jinsab imputat talli limitament ghad-data tas-26 ta' Ottubru 2021 ghall-habta tad-9.15am ha jew ipprova jiehu ghasafar li huma protetti taht dawn ir-regolamenti. Mill-provi prodotti jirrizulta li ghalkemm dakinhar tas-26 t'Ottubru fl-ghalqa in kwistjoni kien hemm zewg imnassab li l-qua imputat iddikjara mal-pulizija li kienu tieghu, mix-xhieda tal-pulizija stess jirrizulta li Cuschieri ma kienx fuq il-post meta wasslu huma fuq il-post. Konsegwentament l-element uman kien nieqes. Ghaldaqstant fil-fehma ta' dina l-Qorti din l-ewwel imputazzjoni ma gietx ippruvata sal-grad rikjest mil-ligi. Konsegwentament u ghall-istess raguni, b'referenza ghad-data partikolari indikata fic-citazzjoni, lanqas ma tirrizulta ppruvata s-sitt imputazzjoni galadarba sabiex dina tirrizulta jrid ukoll jigi pruvat li persuna kienet qed tipprova tiehu ghasfur. Ghalkemm huwa minnu li l-qua imputat jammetti mal-pulizija li l-ghasafar protetti li kienu fil-pussess tieghu kien inqabbdu mis-selvagg, il-parametri taz-zmien hekk kif indikati fl-imputazzjonijiet odjerni definittivament ma jkoprux it-tehid tal-istess ghasafar mis-selvagg.

Rigward it-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-qua imputat, mill-provi mressqa jirrizulta car li l-qua imputat nstab fil-pussess ta' numru ta' ghasafar hajjin li mhux inkluż fl-Iskeda II – 1 Sparrowhawk u 3 common kestrels. L-imputat ikkonferma ukoll kemm mal-pulizija kif ukoll mal-ERA, wara li nghata d-drittijiet kollha tieghu, li l-imsemmija ghasafar kienu tieghu. L-imputat naqas milli jressaq prova li (1) l-istess ghasafar protetti kienu ddikjarati mal-MEPA sal-31 ta' Mejju 2003 u li kien fil-pussess tal-permessi u certifikati ta' registrazzjoni mahruga mill-Awtorita' kompetenti; (2) li gie important legalment; (3) l-istess ghasafar kienu gew mehuda fi Stat Membru fejn it-tehid tieghu saret b'mod legali jew altrimenti akkwistat b'mod iehor b'mod legittimu; u (4) kien imrobbli fil-maghluq. Ghaldaqstant dina l-Qorti hija tal-fehma li dina l-imputazzjoni giet sodisfacentament ippruvata.

Illi ghal dak li jirrigwarda t-tielet imputazzjoni dina ma tirrizultax ippruvata galadarba minn imkien mill-provi ma jirrizulta li l-ghasafar protetti li kienu fil-pussess tal-imputat b'mod illegittimu kienu effettivament importati. Kuntrarjament, skond dak li spjega l-qua imputat lill-awtoritajiet kompetenti jidher li dawn gew maqbuda minnu mis-selvagg. Lanqas ma tirrizulta ppurvata r-raba' imputazzjoni galadarba fl-ebda istanza ma tressqet prova li l-qua imputat xtara, offra li jixtri, akkwista ghal skop kummercjali l-imsemmija ezemplari. Ghall-istess ragunijiet lanqas ma tirrizulta ppruvata il-hames imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-qua imputat.

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tal-imputazzjoni li taghha ser jinsab hati, l-fatti tal-kaz odjern, l-fedina penali tal-imputat, l-kooperazzjoni tal-imputat mal-awtoritajiet kif ukoll ir-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006. Dina l-Qorti lanqas ma tista' tinjora li l-qua imputat kien fil-pussess ta' erbgha ghasafar protetti u skedati fl-iskeda I u IX, liema speci kien ghadhom hajjin. Fir-rigward tat-talba tal-prosekuzzjoni sabiex l-imputat ihallas ghall-ispejjez taz-zamma tal-ghasafar protetti, dina l-Qorti qed tichad l-istess talba galadarba l-qua imputat ma huwiex ser jinsab hati tal-ebda reat ai termini tal-Ligi Sussidjarja 549.38 u ma hemmx disposizzjoni simili ai termini tal-Ligi Sussidjarja 549.42.

**Decide:**

Ghal dawn il-mottivi, dina l-Qorti, wara li rat ir-regolament 4(1)(e) u 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed tillibera lill-qua imputat mill-ewwel, it-tielet, ir-raba', l-hames, u s-sitt imputazzjoni dedotta fil-konfront tal-qua imputat, filwaqt li qed isibu hati tat-tieni imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u konsegwentament qed tikkundanah ghall-hlas ta' multa ta' Eur. 4,000 li b'applikazzjoni tal-artikoli 14(2) tal-Kodici Kriminali tista' tithallas permezz ta' rati mensili fl-ammont ta' Eur. 120 fix-xahar. F'kaz li l-hlas ikun ha jsir b'rati mensili, l-ewwel pagament ghandu jsir fi zmien xahar millum, b'dan illi jekk il-hati jonqos milli jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jekk dan ma jithallasx jigi konvertit fi prigunerija skont il-ligi.

Il-Qorti, fit termini tar-regolament 27 tal-Avviz Legali 79 tas-sena 2006, qed tordna ukoll s-sospensjoni tal-licenzja jew permess rilevanti mahrug taht ir-regolamenti tal-2006 dwar il-konservazzjoni tal-Ghasafar Selvaggi u taht it-Taqsima XV tal-Kodici tal-Ligijiet ta' Pulizija ghall-perjodu ta' hames snin millum.

Il-Qorti qeghda tordna ukoll il-konfiska tal-corpus delicti b'dan illi ghandu jsir dak kollu necessarju skond l-istruzzjonijiet tal-veterinarju sabiex l-ispeci protetti jigu rijabilitati u irrillaxxati lura fis-selvagg.

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA BA. LL.D.**

**Christine Farrugia**

**Deputat Registratur**